



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

16262/23

CDR 200

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Renju tan-Netherlands, fil-Kumitat tar-Reġjuni

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...

ta' ...

**li taħtar membru
u membru supplenti,
proposti mir-Renju tan-Netherlands,
fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Regjuni¹,

Wara li kkunsidra l-proposti tal-Gvern Netherlandiż,

¹ ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.
- (2) Fl-10 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/2157¹, li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025. Fis-27 ta' Ġunju 2023 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2023/1347², li taħtar membru supplenti, propost mir-Renju tan-Netherlands, fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġie propost għall-ħatra s-Sur Ufuk KÂHYA sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (4) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġiet proposta għall-ħatra s-Sa Marina Caroline STARMANS-GELIJNS sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2157 tal-10 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 78).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1347 tal-27 ta' Ġunju 2023 li taħtar membru supplenti, propost mir-Renju tan-Netherlands, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 168, 3.7.2023, p. 38).

- (5) Il-Gvern Netherlandiż ippropona lis-Sur Guido Pascal RINK, rappreżentant ta' korp lokali li huwa politikament responsabbli quddiem assemblea eletta, *Wethouder gemeente Emmen* (Viċi Sindku tal-muniċipalità ta' Emmen), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.
- (6) Abbażi ta' mandat nazzjonali differenti, il-Gvern Netherlandiż ippropona lis-Sa Marina Caroline STARMANS-GELIJNS, rappreżentanta ta' korp lokali li hija politikament responsabbli quddiem assemblea eletta, *Burgemeester van de gemeente Etten-Leur* (Sindku tal-muniċipalità ta' Etten-Leur), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi lokali li huma politikament responsabbli quddiem assemblea eletta huma b'dan maħtura fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025:

(a) bħala membru:

- is-Sur Guido Pascal RINK, *Wethouder gemeente Emmen* (Viċi Sindku tal-muniċipalit  ta' Emmen),

u

(b) bħala membru supplenti:

- is-Sa Marina Caroline STARMANS-GELIJNS, *Burgemeester van de gemeente Etten-Leur* (Sindku tal-muniċipalit  ta' Etten-Leur) (bidla fil-mandat),

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
